MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1373/2000/1

**Ronald Lewis Feilla**

**vs**

**Emanuel Farrugia u b'digriet tal-5 ta' Jannar 2004, is-socjeta' Citadel Insurance p.l.c giet imdahla fil-kawza in statu et terminis.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress illi fl-20 ta' April 1997, l-attur Ronald Lewis Feilla kien riekeb bhala passiggier gewwa van, *people carrier*, tat-tip Toyota, Numru ta' Registrazzjoni LAK-045, Triq San Gorg, San Giljan, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu (4.45 a.m.), meta l-konvenut li kien qed isuq il-vettura tieghu Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni HAH-617, baqa diehel bil-vettura tieghu fuq wara tal-vettura, Toyota li fiha kien riekeb l-attur.

Peress illi bhala rizultat ta' dan l-incident, l-attur sofra danni fizici ta' natura permanenti kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Peress illi ghal dan l-incident kien unikament responsabbli l-konvenut u dan minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas serju fil-harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Peress illi ghalkemm il-konvenut gie debitament interpellat, anke ufficjalment, sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni minnu kkagunati huwa xorta baqa' inadempjenti u ghallhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi u moghti kull provvediment opportun ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghad-danni kkagunati lill-attur bhala rizultat tal-incident awtomobbilistiku li gara fl-20 ta' April 1997, fi Triq San Gorg, San Giljan ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' filghodu (4.45 a.m.) meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura tieghu Alfa Romeo bin-numru ta' registrazzjoni HAH-617 u baqa' diehel fil-vettura Toyota, numru ta' registrazzjoni LAK-045 li fiha kien riekeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-incident, okkorrendo bl-opra ta' periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni sofferti mill-istess attur b'rizultat tal-incident fuq imsemmi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' April 1999, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din l-istess citazzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-gudizzju mhux integru billi jonqos fil-kawza s-sewwieq tal-karozza numru LAK-045 li fiha kien passiggier l-attur;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' l-eccipjent, izda b'tort ta' Richard Lopez, is-sewwieq tal-karozza numru LAK- 045 li fiha kien passiggier l-attur, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjent mhux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni fizici li jallega li qed isofri u kif ukoll illi tali danni huma effett dirett tal-incident mertu ta' din il-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' ntervenuta fil-kawza** a fol. 74 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront taghha, ossija bhala s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'hijiex responsabbli li thallas id-danni li talvolta din l-Onorabbli Qorti tista' tikkundanna lill-konvenut li jhallas, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi s-socjeta' eccipjenti taghmel taghha l-eccezzjonijiet tal-konvenut, safejn dawn huma applikabbli ghaliha.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol 21;

Rat id-digriet a fol 25 li bih gie nominat Dr. Bernard;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat a fol 112;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Dicembru 2002;

Rat in-nota tal-konvenut;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur ta' l-attur;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Responsabilita'**

Illi skond is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Dicembru 2002, Dok a fol 44 et seq, gie deciz li l-incident in kwistjoni li fih kien korra l-attur kien jahti ghalih unikament il-konvenut Emmanuel Farrugia. Fuq dan hemmx kontestazzjoni. F'dina l-kawza l-konvenut lanqas biss xehed. L-attur ghamel *statement* dwar kif gara l-incident (ara fol 25 sa 31) fejn anzi jirrizulta li l-incident gie kkawzat deliberatament mill-konvenut.

Ghalhekk f'dan is-sens m'ghandhiex tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi d-*driver* l-iehor ma kien bl-ebda mod responsabbili ghall-incident.

**Danni**

Damnum emergens

Bhala *damnum emergens* l-attur qed jitlob is-somma ta' Stg. 643.09. Dwar dawn l-ispejjez il-Qorti tirrileva li ma giet prezentata ebda ricevuta jew prova dokumentarja. Inoltre jidher li wara l-incident l-attur ma kien hass xejn u ma jidhirx li tilef hafna mill-vakanza. Ghalhekk *arbitrio boni viri* l-Qorti qed takkordalu parti biss mis-somma mitluba fl-ammont ta' Stg. 300.

**Lucrum Cessans**

Illi skond ir-rapport tal-espert mediku nominat minn dina l-Qorti l-attur qed isofri minn dizabilita' permanenti ta' 6%. (fol 112-115). Jidher li l-espert mediku tah dana l-persentagg ghalkemm sab li kien hemm xi deterjorazzjoni fl-artrite **li probabilment diga kien hemm bejn l-irkiekel ta' l-ghonq** ta' l-attur**.**

Andrew Hill, Chartered Accountant, ipprezenta d-dok AH1 a fol 59 li juri t-*trading position* ghas snin 1997 – 2001 ta' l-attur. L-attur xehed a fol 60 et seq, fejn indika x'qed jippretendi bhala danni.

Il-Qorti ezaminat l-affidavit ta' l-attur u tinnota li l-ahhar li l-attur kien "*in paid employment*" kien fin 1991 u sas-sena 1997, sena ta' l-incident, l-attur ma kienx qed jahdem bi profit bhala *self employed* anzi jidher li kien qed jaghmel it-telf. Imbaghad fil-1999 beda jaghmel xi qliegh, li pero' naqas fit-2000 u fit-2001. L-attur jippretendi li kieku ma kienx ghal incident hu kien jaqla' aktar.

Il-Qorti ghalhekk se tiehu *average* tas-snin 1999-2001 fejn l-attur ghamel profitt u fejn imbaghad dan il-profit rega naqas, biex tohrog medja ta' dak li seta kien qed jaqla' l-attur.

1999 Stg 9,258 fis-sena
2000 Stg 6,565 fis-sena
2001 Stg 6,128 fis-sena
Average – Stg 7,317 fis-sena

L-attur kellu 48 sena meta gara l-incident u ghalhekk se tiehu *working life* ta' 15 il-sena[1].

Dwar l-*lump sum payment* il-Qorti mhux se taghmel tnaqqis billi diga ghaddew kwazi seba' snin u nofs mill-prezentata tac-citazzjoni u aktar minn ghaxar snin mid-data ta' l-incident[2].

Kalkolu

Stg 7,317 x 15 x 6% = Stg 6,585.30

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | Stg 300 |
| Lucrum Cessans | Stg 6,585.30 |
| **Total** | **Stg 6,885.30** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghal-incident u ghad-danni kkagunati lill-attur bhala rizultat tal-incident awtomobbilistiku li gara fl-20 ta' April 1997, fi Triq San Gorg, San Giljan.
Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' 6,885.30 liri sterlini ekwivalenti ghal Lm4,503.14 fid-data tal-prezentata tac-citazzjoni, u llum ekwivalenti ghal ghaxart elef erba' mija disgha u tmenin euro u disgha u erbghin centezmi (10,489.49 euro).
Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

---

[1] Is-sistema tal-multiplier ma jaccettax li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li kull min hu b'sahhtu hu mistenni li jibqa' jahdem sa 60 sena jew sad-data tal-pensjoni, izda tirrikjedi li tenut kont tal-eta' tal-mejjet u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja, jittiehed numru ta' 'years purchase' li hu l-multiplier u li huwa normalment anqas mill-aspettattiva tal-hajja lavorativa tal-vittma.

[2] Fir-rigward tal-kwistjoni ta' lump sum payment ara l-kawza fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. (JSP) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru 1995.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza.
L-intervenut fil-kawza qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju spejjez tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA BA., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------